# Mons. Guido Calleja u l-għeluq tal-50 sena mill-bini tal-Knisja l-Ġdida

*minn Michael Aquilina*

**Din is-sena l-Parroċċa ta' San Ġiljan qed tiċċelebra l-50 sena mill-bini tal-Knisja l-Ġdida. Bla dubju dan l-anniversarju għalina l-Ġiljaniżi jfakkarna f'qassis li kien il-protagonist, Mons. Guido Calleja, il-Kappillan li mill-ewwel ġurnata li ħa l-ħatra ta' Kappillan ta' San Ġiljan, qed ngħidu fl-1956, beda jaħdem bis-sħiħ biex f'San Ġiljan tinbena knisja ġdida li tkun tista' tilqa' għal popolazzjoni li kienet qiegħda dejjem tikber ma' kull ġurnata li tgħaddi.**

Għalhekk dan l-aħħar mort inżur lil Mons. Guido Calleja fid-Dar tal-Kleru ġewwa Birkirkara u hemmhekk stajt nifhem aktar kemm dan il-qassis ħadem qatigħ biex il-ħolma li kellu li tinbena knisja ġdida setgħet issir realtà.

Tajjeb li nsemmi li Mons. Guido Calleja twieled tas-Sliema nhar is-7 ta' Ottubru 1928. Ġie ordnat Saċerdot nhar it-2 ta' Awwissu 1953. Wara li ġie ordnat Saċerdot l-Arċisqof Mikiel Gonzi ħatru bħala Kappillan tiegħu, però wara sentejn, bejn l-1955 u l-1956 kompla jistudja l-Mużika Sagra ġewwa Ruma. Meta fis-Sajf kien għall-vaganzi f'Malta bil-ħsieb li jitla' Ruma biex ikompli l-istudji tiegħu, ġie maħtur Kappillan ta' San Ġiljan, fejn ħa l-pussess nhar it-18 ta' Novembru tal-1956 u dam iservi l-Parroċċa tagħna għal 10 snin sħaħ, meta mbagħad fl-1966 inħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' Stella Maris ġewwa tas-Sliema. Wara l-esperjenzi sbieħ li kellu f'dawn iż-żewġ Parroċċi Mons. Guido Calleja kompla l-ħidma tiegħu fil-Kurja tal-Arċisqof u wara kompla l-ħajja pastorali tiegħu barra minn Malta, fosthom ġewwa l-Amerka f'St John the Baptist f'Magnolia Springs, Alabama, fejn dam għal 22 sena sħaħ.

Għalkemm Mons. Calleja għex kważi 90 sena xorta meta kellimtu baqa' jiftakar tajjeb il-ġrajjiet prinċipali kollha li għadda minnhom tul il-parrokat tiegħu. Hu semma' li l-ħidma tiegħu bħala Kappillan kienet iffukata fuq tliet għanijiet, fuq il-bini tal-Knisja l-Ġdida, fuq l-involviment tal-Lajċi fil-ħidma Pastorali u fuq għarfien akbar lejn il-Mużika Sagra, fejn waqqaf il-Kor ta' San Ġiljan.



### Bini tal-Knisja l-Ġdida

Proprjament il-ħolma li tinbena Knisja Ġdida ma kinitx xi ħaġa li ħolom biha hu l-ewwel imma anke l-Kappillan Bonanno, li serva bħala Kappillan ta' San Ġiljan għal 34 sena. Kif jgħid hu stess din il-ħolma kienet f'moħħu minn qabel ma kellu l-iċken idea li xi darba jkun Kappillan ta' San Ġiljan. Dan kien meta kien għadu jistudja ġewwa Ruma. Fil-fatt hu jgħid hekk *"Il-ħolma ta'*

*Bonanno kienet daħlet ġo rasi wkoll. Allavolja ma kienx jiddependi minni li tinbena għax ma kelli ebda ħsieb li xi darba nkun Kappillan ta' San Ġiljan."* (Fiorini, S., ed. 1992)

Għall-bidu li beda bħala Kappillan huwa nnota li l-ġabra ta' nhar ta' Ħadd li ssir ġewwa l-knisja ma tantx kienet sodisfaċenti, allura kien ifisser li l-ħsieb tiegħu li jibni knisja kien ser jisfuma fix-xejn. Però Mons. Calleja ma qatax qalbu, u bil-perseveranza u bil-kelma ħelwa tiegħu rnexxielu jibni t-tama tal-Poplu Ġiljaniż, u b'hekk il-kontribuzzjonijiet bdew jiżdiedu sew, sakemm fl-aħħar ħabbrilhom li l-Knisja l-Ġdida kienet ser tinbena żgur. Mons. Calleja jgħid li l-ewwel uġigħ ta' ras kienet fejn ser tinstab l-art biex tinbena l-Knisja. Kif jgħid hu stess:

*"San Ġiljan huwa pajjiż diffiċli biex tgħid fejn hu ċ-ċentru tiegħu. Maqsum bil-Wied, bil-baħar tal-qala ta' ġewwa, telgħat u nżul kullimkien u fuq kollox l-iżvilupp tal-bini li kien ġà jidher li ser isir fuq in-naħa tal-Wied ta' Sant' Andrew. Mill-banda l-oħra kien hemm il-Knisja tal-Karmnu li qed tinbena, min-naħa ta' fuq ta' San Ġwann, il-Knisja l-ġdida tal-Kapuċċini kienet waslet biex tinfetaħ, min-naħa ta' Spinola kien hemm il-Patrijiet Agostinjani ta' Paceville, li dak iż-żmien kien mimli bl-Ingliżi, insomma ma kontx tista' tgħid fejn taqbad tibni dik l-Imbierka Knisja Parrokkjali biex tgħaqqad kemm tista' u tifforma Komunità Parrokkjali. Fuq kollox ma ridtx ninsa li l-flus ser jinġabru mill-Knisja l-qadima u n-nies li kienu jiġu hemm aktarx mhux se jitħeġġu biex jikkontribwixxu biex nibnilhom Knisja Ġdida fil-bogħod. Kieku għidtilhom li kienet se tinbena Knisja ġo St. Andrew's żgur li ma kontx inħeġġiġhom biex jgħinuni. Mela l-Knisja kellha tinbena fil-qrib biex dawk l-istess nies tal-Knisja l-qadima jkunu jistgħu jibqgħu fil-Komunità u jgawdu l-Knisja l-ġdida li għaliha jkunu taw il-flus."* (Fiorini, S., ed. 1992)



Mons. Calleja jgħid li l-ostakli ma kienux ftit però xejn ma kien jaqtagħlu qalbu u wara ħafna trattativi u stennija wasal fi ftehim biex tkun tista' tinxtara l-art fejn illum hemm mibnija l-Knisja Parrokkjali. Fil-fatt il-Kuntratt tax-xiri tal-art sar quddiem in-Nutar Maurice Gambin nhar l-1 ta' Mejju 1957 fil-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

It-tqegħid tal-ewwel ġebla sar nhar id-9 ta' Lulju tal-1961 u ġiet imbierka mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Għal din l-okkażjoni saru festi kbar. Kienet dimostrazzjoni għall-poplu Ġiljaniż li beda jara x-xewqa tiegħu għall-bini ta' Knisja Ġdida ssir realtà. Bħala parrinijiet kienu ġew magħżula s-Sur Pawl Busuttil magħruf bħala ta' Bandallu u s-Sur Joe Gasan.





Il-Monsinjur jgħid li hekk kif beda l-bini tal-Knisja l-Ġdida bdew isiru attivitajiet regolari biex jinġabru l-flus meħtieġa ħalli l-Knisja tinbena u titlesta. Huwa jsemmi fost l-oħrajn il-fieri li kienu jsiru fil-Pjazza tal-Balluta u li kienu jinvolvu ħafna voluntiera. Huwa kellu jiddedika ħafna mill-ħin tiegħu fuq il-Proġett tal-Knisja imma dan seta' jagħmlu b'mod aħjar bl-għajnuna siewja u l-appoġġ tal-Kleru tal-Parroċċa li kienu impenjati wkoll fil-ħidma pastorali kif ukoll biex jgħinu kif jistgħu fuq il-proġett tal-Knisja. Ma setax ma jsemmix lil Dun Anton Sciberras li kien jgħinu ħafna. Mons. Calleja baqa' japprezza ħafna l-ġenerożità tal-Poplu Ġiljaniż biex seta' jkompli l-bini tal-Knisja. Kienu bosta l-benefatturi li għarfu l-importanza u kkontribwew b'mod sostanzjali. Però l-aktar benefattur li jibqa' jsemmi huwa l-imgħallem li ħa ħsieb il-bini tal-Knisja, Ġużeppi Debono magħruf bħala l-Bonu.



Kif jgħid hu stess li meta fl-1966 l-Arċisqof Gonzi ddeċieda li jaħtru Kappillan tal-Parroċċa ta' Stella Maris dan kien ifisser li ma kienx ser ikollu x-xorti li jgawdi l-Knisja l-Ġdida ftit qabel ma l-Knisja kienet lesta biex tinfetaħ. Però kien moħħu mistrieħ ukoll li l-Kappillan li laħaq warajh, Dun Ġwann Galea, kien ser ikompli fuq ix-xogħol tiegħu u fil-fatt il-Knisja tlestiet u ġiet inawgurata il-Ħadd 25 ta' Awwissu 1968.

## Il-Lajċi u l-Ħidma Pastorali

Bis-saħħa tal-proġett għall-bini tal-Knisja Mons. Guido Calleja ħataf l-opportunità li jinvolvi b'mod dirett lil diversi individwi biex jgħinu fil-ġbir tal-fondi ħalli jkun jista' jibda l-bini tal-Knisja. L-entużjażmu kien kbir u l-għajnuna ġiet ukoll. Huwa semma diversi benefatturi li setgħu jgħinu b'mod finanzjarju kif ukoll individwi oħra li għenu fil-ġbir tal-flus billi kienu jorganizzaw attivitajiet, fosthom fiera kull xahar matul ix-xhur tas-Sajf ġewwa l-Pjazza tal-Balluta. Huwa sab għajnuna kbira mill-irġiel, ix-xebbiet u n-nisa tal-Azzjoni Kattolika, li bl-inkoraġġiment li kien jagħtihom kienu jieħdu ħsieb tista' tgħid l-organizzazzjoni kollha ta' dawn il-Fieri. Fil-fatt huwa jgħid hekk: "*Minn daqshekk f'San Ġiljan, għall-grazzja t'Alla kien hemm grupp ta' rġiel u nisa li kienu jinqalgħu u dejjem lesti biex jgħinu*" (Fiorini, S., ed. 1992). Kien ukoll numru kbir ta' żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet li kienu jmorru jħabbtu bieb bieb mat-toroq kollha ta' San Ġiljan. Huwa baqa' japprezza ħafna s-sagrifiċċju li kienu jagħmlu dawn iż-żgħażagħ u li kienet sikkatura żejda, imma kif jgħid hu "*bla sagrifiċċju ma jsir xejn*". Kien ħa wkoll deċiżjoni li jwaqqaf ukoll kumitat organizzattiv biex jgħinuh ħalli l-ġbir u



dak kollu marbut mal-bini tal-Knisja jkun aktar organizzat. Meta kellimtu u staqsejtu xi jħoss illum li għaddew dawn is-snin kollha, huwa jsemmi li dejjem kien jibqa' affaxinat kif dan il-grupp kienu jaħdmu flimkien qishom familja. Semma wkoll lil Carm Borg (President Onorarju tal-Każin Banda San Ġiljan) li kien involut ħafna fil-qasam sportiv u soċjali. Carm kien issuġerixxa li ssir partita futbol fl-Istadium tal-Gżira bejn tim magħżul mill-Iskejjel tal-Gvern u tim ta' tfal Taljani. Huwa qal li ma kinitx biċċa xogħol faċli biex torganizza attività ta' dan it-tip imma Carm ma qatax qalbu u kkonvinċih, u bl-għajnuna ta' numru kbir ta' nies, il-Partita saret u minn din il-partita kien daħħal £500 qligħ għall-proġett



tal-Knisja l-Ġdida. Fil-fatt, Mons. Guido Calleja kien jemmen ħafna fil-ħidma tal-Lajċi fix-xogħol Pastorali. U dawn l-attivitajiet u l-inizjattivi għenuh biex jagħraf aħjar l-importanza tal-lajċi fil-ħidma pastorali tal-Poplu Ġiljaniż tal-Poplu Ġiljaniż. Dan ikompli jikkonfermah bl-interess li kien juri lejn l-Għaqdiet Soċjali ġewwa San Ġiljan. Hu kien iżomm kuntatt regolari ma' dawn l-għaqdiet, fosthom mal-Kumitat tal-Każin Banda San Ġiljan li tiegħu kien Direttur Spiritwali.

Xi ħaġa li kienet tinkwetah ħafna hekk kif sar Kappillan kienet li San Ġiljan kien mifrux sew bi tlajja u nżul, li allura kienu jaqtgħu qalb in-nies li jattendu għall-funzjonijiet reliġjużi fil-Knisja Parrokkjali, u għalhekk ra kif għamel biex seta' juża r-riżorsi li kien hemm fil-parroċċa. Fil-verità l-parruċċani kienu moqdijin tajjeb, dawk tan-naħa tal-Balluta kienu jmorru tal-Karmnu u dawk tan-naħa tal-Bajja ta' Spinola kienu jmorru l-Knisja tal-Kunċizzjoni. Fil-Knisja ta' Lapsi kienu jmorru l-ftit nies tal-madwar. Tajjeb li nsemmi li l-Knisja tal-Kunċizzjoni ma kinitx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Parroċċa ta' San Ġiljan. Ġara li ġie żmien li l-Knisja tal-Kunċizzjoni ma baqgħetx tiftaħ minħabba li l-qassis li kien iqaddes u l-persuna li kienet tiftaħ kuljum kienu mietu. Peress li r-rettur tal-Knisja kien Monsinjur Pantalleresco, Mons. Calleja ddeċieda li għandu jmur ikellmu ħalli l-Knisja tal-Kunċizzjoni tkun tista' terġa' tibda taqdi l-funzjoni tagħha. Meta mar ikellmu flimkien mas-Sur Joe Portelli, li dak iż-żmien kien il-President tal-Azzjoni Kattolika ta' San Ġiljan hu pproponielu li din il-Knisja għandha tiġi fdata f'idejn l-Irġiel tal-Azzjoni Kattolika. Għalkemm għall-ewwel Monsinjur



Pantalleresco kien sabha daqsxejn diffiċli biex jitlaq din il-Knisja minn idejh, finalment aċċetta bil-qalb għall-fatt li Mons. Pantalleresco kien wieħed mill-pijunieri tal-Azzjoni Kattolika f'Malta. Minn hemm 'il quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni baqgħet taqdi lin-nies tal-madwar sal-lum. Dak li bdew il-grupp ta' rġiel tal-Azzjoni Kattolika dak iż-żmien għadu għaddej sal-lum. Meta Mons. Calleja kien qed jirrakkontali l-istorja tal-Knisja tal-Kunċizzjoni wiċċu kien jixhed is-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li dak li nbeda tant snin ilu għadu għaddej sal-lum. Dan kollu grazzi għall-fiduċja li kellu fin-nies, jiġifieri fil-Lajċi li tant ħadem u emmen fihom.

## Il-Mużika u l-Kor ta' San Ġiljan

Ma setax jonqos li meta kont ħdejn il-Monsinjur ma nitkellmux ukoll dwar l-imħabba tiegħu lejn il-Mużika u kif baqa' jġorrha miegħu tul ħajtu kollha. Huwa jsemmi li l-familja tiegħu, kemm min-naħa ta' Ommu kif ukoll min-naħa ta' Missieru, kulħadd kien idoqq xi strument, apparti li bħala familja kienu abbonati għall-istaġun tal-Opri kull sena fit-Teatru Rjal. Meta kien żgħir kienu jieħduh magħhom għall-Opri u b'hekk kien dara jisma' t-tajjeb u miċ-ċokon kien diġà beda jidra t-tajjeb u seta' wkoll jiġġudika x'inhu sabiħ.

Għalkemm minħabba l-gwerra ma setax jistudja l-mużika u l-pjanu minn età żgħira, hu dejjem fittex li jaħtaf l-okkażjoni meta tiġi l-ewwel opportunità. Beda jistudja l-mużika u l-pjanu meta kien diġà s-Seminarju, ma' Dun Karm Xerri li kien għadu ġej minn Franza fejn kien Organista fil-Katidral ta' Lucon. Meta laħaq qassis kompla jistudja u fil-fatt fl-1955 kien mar Ruma biex jistudja l-mużika bil-ħsieb li jkompli s-sena ta' wara, sakemm l-Arċisqof Mikiel Gonzi ħatru Kappillan ta' San Ġiljan. Huwa jsemmi li fl-istess snin li kien seminarista miegħu kien hemm ukoll bħala seminarista Dun Karm Calleja, li wkoll kien jinteressa ruħu ħafna fil-mużika. Meta saru Qassisin fl-1953 Dun Karm reġa' fforma l-Kor tat-tfal (li kien beda meta kien għadu seminarista), li kienu ħallew impressjoni tajba ħafna kull darba li ġew imqabbda jkantaw kemm fil-parroċċa kif ukoll f'okkażjonijiet oħra barra San Ġiljan. Huwa dan il-fatt li ħeġġeġ lill-Mons. Guido Calleja li jibda jaħdem biex jifforma Kor tal-kbar. Kif appena laħaq Kappillan fl-1956 beda jieħu ħsieb il-Kor tal-Kbar u l-inawgurazzjoni tiegħu saret waqt Serata għand is-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù. Meta tkellem miegħi dwar il-Kor huwa spjegali li għalih l-importanti kien li l-Kor isebbaħ il-funzjonijiet reliġjużi. Ix-xogħol tal-Kor, apparti l-provi kien jinvolvi ħafna xogħol fi traskrizzjonijiet u arranġamenti. Minħabba l-fatt li beda jaħdem fuq il-proġett tal-Knisja l-Ġdida għal xi żmien kellu jagħtih il-ġenb, u meta Dun Ġwann Galea laħaq Qassis hemmhekk il-Kor ħa spinta 'l quddiem u beda jieħu forma aktar akkademika milli liturġika. Fuq wiċċ Monsinjur Calleja stajt nara s-sodisfazzjon li l-kor kien



baqa' għaddej anke meta spiċċa minn Kappillan, grazzi għall-Kappillan li laħaq warajh, Dun Ġwann Galea.

Fl-aħħar ġranet tax-xahar ta' Lulju kont qed nikkonkludi dan l-artiklu meta membru tal-Kumitat għarrafni li l-Monsinjur magħruf l-aktar bħala Dun Guido Calleja kien għadu kemm għadda għall-ħajja ta' dejjem. Qatt ma bsart li waqt li qed nikteb dan l-artiklu biex nfakkru l-ħidma tiegħu f'għeluq il-50 sena minn meta l-Knisja l-Ġdida fetħet il-bibien tagħha hu kellu jħallina fl-1 ta' Awwissu. Meta mort inżuru biex ngħidlu li ser nikteb artiklu dwaru



fil-pubblikazzjoni tal-Festa tal-Każin Banda San Ġiljan u beda jirrakkontali, bdejt niftakar f'missieri, li kien jaħdem ħafna viċin tiegħu u li jien xi drabi, ta' tifel li kont dak iż-żmien, kont nakkumpanja lil missieri fil-fieri kif ukoll għal żmien twil fil-Knisja tal-Kunċizzjoni. Għalhekk stajt napprezza ħafna aktar ix-xogħol li għamel dan il-qassis eżemplari ġewwa l-Parroċċa ta' San Ġiljan. Sentejn ilu, meta l-Parroċċa kienet qed tiċċelebra l-125 Sena mit-twaqqif tagħha, hu kien ingħaqad mal-Kappillani li mexxew il-Parroċċa tagħna tul is-snin waqt il-Festa titulari u hemmhekk il-Ġiljaniżi preżenti setgħu jaraw b'għajnejhom lill-Monsinjur Calleja, li minkejja li saħħtu ma kinitx ittih għal kollox xorta kien preżenti biex jiċċelebra magħna.



Nhar il-21 ta' Mejju 2017 is-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan is-Sur Guido Dalli ippreżenta lill-Mons. Guido Calleja Ġieħ San Ġiljan bħala turija ta' apprezzament għax-xogħol li wettaq ġewwa San Ġiljan.



Grazzi Dun Guido, nitolbuk li titlob għalina issa li qiegħed fis-sema tgawdi frott ix-xogħol li wettaqt b'ħila kbira fl-għalqa tal-Mulej.